# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Joseph Agius]

## vs

## Felice Borg

**Kumpilazzjoni Numru: 580/11**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Felice Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 41241(M).

Akkuzat talli fit-12 ta' April 2013 ghal habta tal-16.00hrs, fi Triq San Edwardu, Qormi:

1. Minghajr il-hsibe li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Xuereb f'periklu car, ikkagunalu ferita gravi, u cioe` hsara fil-gisem jew fis-sahha, jew li ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz kif iccertifikat Dr Anne Marie Scerri (3498) mic-centru tas-sahha ta' Hal-Qormi
2. Ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provediment tal-Art 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Joseph Xuereb.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn din il-Qorti setghet tisma' l-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura sommarja;

Semghet l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda u wara li rat l-atti kollha tal-kawza ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' **Dr Anne Marie Scerri** hareg illi wara li ezaminat sija lill-imputat u sija lill-parte civile Joseph Xuereb dak in-nhar tal-allegat reat hija kkonstatat permezz ta' zewg dokumenti (Dok JA3 u Dok JA4) illi it-tnejn kienu sofrew griehi ta' natura gravi. Illi Joseph Xuereb sofra dak li tissejjah bhala "laceral confused wound" f'xofftu u l-imputat sofra "laceral confused wound" f'rasu. Illi x-xhud ziedet ukoll illi l-partijiet kellhom xi tbengil minuri. Ix-xhud setghet tikkonstata minn distanza ravvicinata li il-parte civile Joseph Xuereb ma kellu l-ebda "residual scarring" fuq wiccu u ghalhekk ma jidhlux id-dispozizzjonijiet ta' sfregu taht il-Kodici Kriminali.

Il-Qorti semghet ukoll lis-surgent **PS 1585 James Weatherhill** li kien il-persuna li marret fuq il-post dak in-nhar tat-tnax (12) ta' April elfejn u tlettax (2013). Huwa jghid illi x'hin mar fuq il-post huwa lemah lill-imputat Felice Borg

li kellu xi grif f'wiccu. Huwa kellmu u dan qallu li kien ghad kellu argument ma' Joseph Xuereb rigward xi "parking" peress illi l-imputat ma kienx seta' johrog iz-ziemel minhabba li il-parte civile dejjem jipparkja quddiem il-garaxx tieghu. Sussegwentement l-imputat mar jaghmel rapport l-ghassa u meta ix-xhud baghat ghall-parte civile huwa qal li gie wkoll aggredit u ghalhekk hargu akkuzi fil-konfront taz-zewg partijiet.

Xehed ukoll il-parte civile **<u>Joseph Xuereb</u>** illi rrakonta li dak in-nhar tat-tnax (12) ta' April f'xi tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, ghalaq il-garaxx tieghu biex imur id-dar u kif dahal gol-karrozza startjaha u gie l-imputat u qallu biex inehhiha minn hemm. Huwa jghid illi huwa kellu karrozza li  kienet ipparkjata faccata tal-garaxx ta' Felice Borg u quddiem garaxx ta' terzi. Illi kompla jghid illi fil-pront, u kif fetah il-bieba tal-karrozza biex skont hu jghidlu r-raguni ghaliex kien ser ihalliha hemm, l-imputat allegatament hatfu minn sidru u pprova jigdmu fi spallejh.

Huwa kompla jghid hekk ***"qabadni hekk u pprova jigdimni fuq in-naha tal-lemin u bdejna jien nithabat biex nitlaq minn mieghu u hu jzommni u mxejna ghal tant metri. F'daqqa wahda tefghani mal-art hbatt rasi hawn in-naha tal-lemin mal-art ghal ftit qisni sturdejt ftit u tarli n-nuccali minn ghajnejja. Gbartu u ergajt ilbistu kif ergajt bdejt miexi rega gie qabadni minn hawn mill-flikk u beda jaghtini imbaghad jiena kelli naghti biex ma nkomplix naqla izjed hu. Meta waqafna qbadt il-karrozza, ghax kienet***

***ghadha startjatha l-hin kollu u mort ghand il-habib tieghi tal-qalb biex nghidlu x'gara . . . .".***

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Felice Borg** illi qal illi l-parte civile kien ilu mqabbad mieghu u dak li kien qed jaghmel kienet vendikazzjoni. Huwa jghid hekk : ***"Issa dakinhar, l-ghada fit-tnax (12) ta' April ghidtlu: Nehhili l-karrozza minn hemm ghax inkun irrid indahhal iz-ziemel ghax immur l-ghassa tal-pulizija. X'ghamel, fetah il-bieba biex jaghtini daqqa fiha.. . . Bieba ta' karrozza u lqajtielu u hareg ghalija u gejna fl-idejn. Imbaghad qabad jaghtini hu, qal li gdimtu f'dahru u mhux veru ghax dak jigdeb u mbaghad gie s-surgent bil-karrozza".***

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera tat-tmienja (8) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) bl-ismijiet **IL-Pulizija v. Joseph Xuereb** li ttrattat fuq l-istess incident u fejn il-parte civile, dakinhar imputat, kien gie mehlus mill-akkuzi kif migjuba kontrih.

Ikkunsidrat illi bhala stat ta' fatt kien l-imputat li mar jaghmel rapport l-ghassa u l-parte civile ghamel rapport ukoll wara li gie kkuntattjat mis-surgent Weatherill li l-imputat kien ghamel rapport.

Illi meta wiehed jara ic-certifikat mediku tal-parte civile a fol ghaxra (10) tal-process u meta tikkomparah ma' dak tal-imputat a fol disgha (9)

tal-process, huwa evidenti illi it-tnejn sofrew griehi simili li din tinduci lil din il-Qorti sabiex tmur aktar ghat-tezi illi kien hemm kollutazzjoni kongunta u tal-istess intensita' minn naha taz-zewg partijiet.

Illi dan il-kaz jistrieh fuq il-verzjoni taz-zewg partijiet fil-kawza, fejn il-parte civile jghid illi l-imputat aggredieh appena dan hareg mill-karrozza u minn naha ' l ohra l-imputat jghid illi il-parte civile fetah il-bieba tal-karrozza tieghu sabiex jolqtu biha.

Illi hija aktar verosimili it-tezi tal-imputat fejn meta dan ra lill-parte civile jiftah il-bieba tal-karrozza bis-salt huwa hassu aggredit u minn hemm inbdiet il-kollutazzjoni fejn kif inghad, iz-zewg partijiet garrbu l-istess tip ta' griehi.

Hareg car illi t-tnejn li huma kienu ilhom bit-tikketta bejniethom u probabilment kull gest jew kelma li wiehed ilissen, in-naha l-ohra tohodha bhala offiza kontra tieghu. Il-partijiet ghandhom jiddipartixxu mill-battibekki puerili ta' bejniethom u anke forsi permezz ta'medjatur jaraw kif isolvu il-problema tal-ipparkeggjar quddiem dawn il-garaxxijiet u dan sabiex ma jinholqux aktar glied fil-futur.

Illi din il-Qorti thoss li minhabba id-divergenza fil-verzjonijiet tal-partijiet u in mankanza ta' provi ohra cirkostanzjali, hemm kunflitt ta' provi li tali kunflitt jikkreja dubju serju sabiex din il-Qorti tasal ghal kwalunkwe htija fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Felice Borg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**